**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri**

**Is-Seba' Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 52

It-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti** **28 ta' Marzu, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**52.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-50

**52.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 50 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 52.3 Punti Mqajma mill-Minuti

**52.3.01** **Offerta tal-Ġbir ta' Skart.** Saret laqgħa bejn is-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' San Lawrenz, s-Sinjura Sarah Formosa u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Għasri, Rita Mifsud Attard. Kien preżenti ukoll is-Sur Bernard Bartolo li ġie inkarigat mis-Sindku David Apap sabiex jieħu ħsieb li l-offerta titella fuq is-sistemma tal-EPPS. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss b'liema kundizzjonijiet għandha toħroġ din l-offerta. Għalhekk id-Deputat Segretarju talab lil dan il-Kunsill il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu nklużi f'din l-offerta. Kien hemm qbil unanimament li l-offerta għandha tinħadem fuq in-numru ta' djar li hemm f'kull raħal (u għandu jkun hemm allowance għax-xhur tas-sajf meta jkun hemm aktar djar abitati). Il-Kunsillieri qablu wkoll li l-kuntratt għandu jkun b'tali modd li l-ħinijiet u ġranet tal-gbir ta' skart ikunu jistgħu jinbidlu mingħajr penali għal Kunsill. Is-Sur Bartolo għandu wkoll jindika l-prezz tiegħu għas-servizz tiegħu.

**52.3.02** **Deputat Segretarju Eżekuttiv**. Peress li t-terminu tal-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tkopri 90 ġurnata u l-proċess tal-ħatra uffiċċjali tas-Segretarju Eżekuttiv għadu mhux komplut, hemm bżonn li l-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tiġi mġedda jekk il-proċess ma jkunx intemm sal-14 t'April. Il-Kunsillieri qablu unanimament li l-ħatra ta' Rita Mifsud Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tiġi mġedda.

**52.3.03** **Berga.** Ġew informati l-pulizija dwar il-ħsarat li hemm fil-berġa minħabba l-ħsarat li hemm fl-għassa tal-pulizija. Il-pulizjia għamlu spezzjoni tas-sit u qalu li huma jirrakomandaw li l-post jingħalaq. Dan mhux aċċettabli għall-Kunsill u nġibed l-attenzjoni li dan is-sit iservi bħala berġa għall-lokal kif ukoll post tal-votazzjoni..

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**52.4.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Occupational Health & Safety

Authority (OHS) dwar l-uffiċċju tal-Kunsill. Għal dan il-għan il-Kunsill inkariga s-servizz ta' persuna kwalifikata sabiex jagħmel risk assessment tal-bini tal-Kunsill.

**52.4.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Inginier Renzo Curmi dwar laqgħa li saret dwar offerta tal-manutenzjoni u stallazzjoni ta' dwal fit-toroq.

**52.4.03** Email mingħand id-Direttur (Proġetti u Zvilupp) dwar il-Fanal ta' Gordon. Il-Kunsill ġie nformat li qed issir evalwazzjoni tal-ħsarat li hemm fil-bini tal-Fanal.

**52.4.04** Il-Kunsill ġie nformat mill-Kappillan Fr. Edward Xuereb li nhar is-Sibt 3 ta' Gunju ser ikun hemm kunċert minn kor Ingliz fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri.

**52.4.05** Peres li s-Sindku ma setax jattendi l-laqgħa tal-Kumitati Reġjonali u l-kunsilli rispettivi tagħhom li saret nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2017 u li kienet organizzata mis-Segretarju Parlamenteri, l-Onor. Dr. Stefan Buontempo, attendaw il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff, l-Kunsillier, Joseph Farrugia u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard. Meta wasal il-ħin biex il-Kunsill tal-Għasri jagħmel l-intervent tiegħu huma qajmu l-punti dwar il-ħsarat intensivi fil-Fanal ta' Gordan, il-fatt li fl-Għasri m'hemmx *recreational areas*, stat tat-toroq ħażin ħafna u fondi limitati peress li l-populazzjoni tal-Għasri huwa żgħir. Il-Kunsillieri qablu li dawn il-punti għandhom jintbagħtu bil-miktub lill-Onor. Buontempo kif ukoll lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex

## 52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**52.5.01** Il-Kunsillier, Joseph Farrugia qal li hemm bżonn li titranġa r-rampa li hemm fl-għalqa fi Triq Għammar għax saret perikoluza. Il-Kunsilliera qablu li din għandha titranġa. Ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur Anthony Mintoff wara li jagħtina stima.

**52.5.02** Il-Kunsillier Frankie Formosa qal li fi Triq il-Fanal fejn qiegħed isir ix-xogħol ta' resurfacing mill-Gvern Ċentrali hemm bżonn li titranġa parti mit-triq u titwessa (u dan ix-xogħol mhux inkluż fil-xogħol li qed isir) u talab sabiex dan ix-xogħol isir mill-Kunsill u isir b'mod urġenti. Il-Kunsilliera qablu li tinġabar stima mingħand il-kuntrattur Anthony Mintoff u ssir.

## 52.6 Rapport – Quarterly Financial Report

**52.6.01** Il-Kunsill approva il-Quarterly Report (Ottubru 2016 – Diċembru 2016) kif ġie ppreżentat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 52.7 Tiġdid tal-offerta dwar it-Tindif tal-Latrina Pubblika

**52.7.01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt tat-tindif tal-Latrina Pubblika skada u hemm bżonn li toħroġ sejħa. Il-Kunsillieri qablu li toħroġ din is-sejħa.

## 52.8 Measure 4.3

**52.8.01** Il-Kunsill ser japplika għat-toroq: Wied l-Għasri, Ġonna u San Pupulju taħt l-Iskema Measure 4.3  Ma jistax japplika għal aktar toroq f'dan il-ħin peress li l-Kunsill iridu ikollu 10% mill-ispiża fil-bank biex ikun eliġibbli.

## 52.9 Ħarġa għar-Residenti u attivitajiet oħra.

**52.9.01** Il-ħarġa għar-residenti ser issir nhar il-Ħadd 9 ta' April.  L-avviż għal din il-ħarġa kien fuq in-Newsletter li tqassam lir-residenti kollha.

## 52.10 Gandott ta' l-ilma fi Triq Wied L-Għasri.

**52.10.01** Ġie diskuss il-bżonn ta' gandott ta' l-ilma fi Triq Wied l-Għasri.  Il-Kunsillieri qablu li għandha tinġabar stima tax-xogħol mill-kuntrattur Anthony Mintoff.

## 52.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

**52.11.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-052 biex ikunu approvati mill-Kunsill.  L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinħemeż mal-minuti.

## 52.12 Mozzjonijiet

**52.12.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 52.13 Tmiem tal-Laqħa u data tas-Seduta li jmiss.

**52.13.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' April fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum lt-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017

**IFFIRMATA**

Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv